



TESTI ADOTTATI

P9_TA(2022)0328

L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (rifformulazzjoni) (COM(2021)0734 – C9-0432/2021 – 2021/0375(COD))¹

(Proċedura leġislattiva ordinarja – riformulazzjoni)

¹ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0223/2022).

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, li skontu l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) L-Artikolu 21 tal-Karta jistabbilixxi d-dritt għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti livelli differenzjati ta' affiljazzjoni u kategorija ta' sħab tar-riċerka għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà u biex tiġi ffaċilitata l-libertà tar-riċerka.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) Jenħtieġ li l-istatus ġuridiku Ewropew mogħti lill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet affiljati magħhom jagħtihom kapaċità u għarfien ġuridiċi fl-Istati Membri kollha. Tali kapaċità u għarfien ġuridiċi ma jagħtuhomx il-jedd li jinnominaw kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali jew **elezzjonijiet** għall-Parlament Ewropew. Kull tali jedd jew jedd simili jibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

Emenda 144

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej **u** l-partiti membri tagħhom imexxu bl-eżempju billi jagħlqu d-diskrepanza bejn il-ġeneri fid-dominju politiku **Meta** jixtiequ jibbenefikaw mill-fondi tal-UE jenħtieġ li l-partiti politiċi **jkollhom** regoli interni li jippromwovu **l-bilanċ** bejn il-ġeneri u jenħtieġ li **jkunu** trasparenti rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-partiti membri tagħhom. Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu evidenza **tal-politika interna tagħhom dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri** u dwar kif il-ġeneri huma rrappreżentati fil-partiti membri tagħhom fir-rigward tal-kandidati u l-Membri tagħhom fil-Parlament Ewropew. Il-partiti politiċi Ewropej huma wkoll imħeġġa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-membri politiċi tagħhom rigward l-inklużività u r-rappreżentanza tal-minoritajiet.

(23) Jenħtieġ li l-istatus ġuridiku Ewropew mogħti lill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet affiljati magħhom jagħtihom kapaċità u għarfien ġuridiċi fl-Istati Membri kollha. Tali kapaċità u għarfien ġuridiċi ma jagħtuhomx il-jedd li jinnominaw kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali jew **fil-kostitwenzi nazzjonali jew reġjonali fl-elezzjonijiet** għall-Parlament Ewropew. Kull tali jedd jew jedd simili jibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

Emenda

(30) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej, il-partiti membri tagħhom **u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej** imexxu bl-eżempju billi jagħlqu d-diskrepanza bejn il-ġeneri fid-dominju politiku. **Jekk** jixtiequ jibbenefikaw mill-fondi tal-UE, jenħtieġ li l-partiti politiċi **Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikollhom** regoli interni li jippromwovu **l-ugwaljanza** bejn il-ġeneri, **inkluż pjan ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u protokoll biex jiġu evitati, identifikati u miġġielda l-fastidju sesswali u l-fastidju abbażi tal-ġeneru. Barra minn hekk,** jenħtieġ li **l-partiti politiċi Ewropej ikunu** trasparenti rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-partiti membri tagħhom **u** jenħtieġ li jipprovdu evidenza dwar kif il-ġeneri huma rrappreżentati fil-partiti membri tagħhom fir-rigward tal-kandidati u l-Membri tagħhom fil-Parlament Ewropew. **Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jenħtieġ li jipprovdu wkoll evidenza dwar il-politika interna tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' rapport annwali.** Il-partiti politiċi Ewropej huma wkoll imħeġġa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-membri politiċi tagħhom rigward l-inklużività u r-rappreżentanza tal-

minoritajiet.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirrikonoxxi żewġ kategoriji biss ta' dħul għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri kontribuzzjoniet minn membri u donazzjonijiet. Għadd ta' sorsi ta' dħul iġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji (bħall-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew dħul mill-konferenzi) jaqgħu barra mill-ambitu ta' **dawn** iż-żewġ kategoriji, u joħolqu problemi ta' kontabilitstika u trasparenza. Għalhekk, jenħtieġ li tinholq it-tielet kategorija ta' dħul ("riżorsi proprji"). Jenħtieġ li l-proporzjon ta' riżorsi proprji fil-baġit totali ta' partit politiku jew fondazzjoni politika **Ewropej** jiġi limitat għal **5 % biex jiġi evitat li dan il-proporzjon ikollu dimensjoni eċċessiva fil-baġit** globali ta' dawn l-entitajiet.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Sabiex ikunu jistgħu jilhqqu lill-membri u lill-kostitwenzi tagħhom madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ikollhom id-dritt li jużaw il-finanzjament tagħhom għal kampanji politiċi transfruntieri. L-iffinanzjar u l-

Emenda

(38) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirrikonoxxi żewġ kategoriji biss ta' dħul għall-partiti **poliċi Ewropej** u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej **apparti mill-kontribuzzjonijiet** mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri kontribuzzjoniet **jew tariffi ta' assoċjazzjoni** minn membri u donazzjonijiet. Għadd ta' sorsi ta' dħul iġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji (bħall-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew dħul mill-konferenzi **jew mill-workshops**) jaqgħu barra mill-ambitu ta' **dawk** iż-żewġ kategoriji, u joħolqu problemi ta' kontabilitstika u trasparenza. Għalhekk, jenħtieġ li tinholq it-tielet kategorija ta' dħul ("riżorsi proprji **anċillari**"). Jenħtieġ li l-proporzjon ta' riżorsi proprji **anċillari** fil-baġit totali ta' partit politiku **Ewropej** jew fondazzjoni politika **Ewropea** jiġi limitat għal **10 % tal-ammont iġġenerat mill-kontribuzzjonijiet u t-tariffi ta' assoċjazzjoni biex jibqa' proporzjonat għall-baġit** globali ta' dawn l-entitajiet.

Emenda

(39) Sabiex ikunu jistgħu jilhqqu lill-membri u lill-kostitwenzi tagħhom madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ikollhom id-dritt li jużaw il-finanzjament tagħhom għal kampanji politiċi transfruntieri, **bħal kampanji**

limitar tal-ispejjeż tal-elezzjoni għall-partiti u l-kandidati f'dawn il-kampanji jenħtieġ li jkunu rregolati bir-regoli applikabbli f'kull Stat Membru.

referendarji u kampanji mwettqa fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, anki billi jistabilixu u jippromwovu listi l-istabbiliment ta' listi għall-Unjoni kollha għal dawn l-elezzjonijiet. L-iffinanzjar u l-limitar tal-ispejjeż tal-elezzjoni għall-partiti u l-kandidati f'dawn il-kampanji jenħtieġ li jkunu rregolati bir-regoli applikabbli f'kull Stat Membru.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej **ma jiffinanzjawx, direttament jew indirettament, partiti** politiċi oħra u, b'mod partikolari, partiti jew kandidati nazzjonali. **Jenħtieġ li l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma jiffinanzjawx, direttament jew indirettament, partiti politiċi** jew kandidati **Ewropej jew** nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-projbizzjoni ta' finanzjament indirett ma tkunx ta' ostakolu għall-partiti politiċi Ewropej milli pubblikament jappoġġaw lill-partiti membri tagħhom fl-Unjoni u jiddjalogaw magħhom, **jew milli jagħtu appoġġ lil** attivitajiet politiċi fl-interess komuni, sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom skont l-Artikolu 10(4) TUE. Barra minn hekk, il-partiti politiċi Ewropej u **l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom** jenħtieġ li jiffinanzjaw biss attivitajiet fil-kuntest tal-kampanji referendarji nazzjonalimeta dawn ikunu jikkonċernaw **l-implimentazzjoni tat-TUE u t-TFUE**. Dawn il-prinċipji jirriflettu d-Dikjarazzjoni Nru 11 dwar l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Nizza.

Emenda

(41) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej **u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma jużawx il-finanzjament riċevut mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament dirett jew indirett ta' entitajiet** politiċi oħra u, b'mod partikolari, partiti jew kandidati nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-projbizzjoni ta' finanzjament indirett ma tkunx ta' ostakolu għall-partiti politiċi Ewropej **jew il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej** milli pubblikament jappoġġaw lill-partiti membri **jew lill-organizzazzjonijiet membri** tagħhom fl-Unjoni u jiddjalogaw magħhom **dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għall-Unjoni, milli jappoġġaw** attivitajiet politiċi fl-interess komuni, **jew milli jinvolve ruħhom f'attivitajiet edukattivi,** sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom skont l-Artikolu 10(4) TUE **u jsaħħu d-demos Ewropew. Il-projbizzjoni ta' finanzjament indirett jenħtieġ li ma tipprevjenix lir-rappreżentanti jew persunal ta' partiti politiċi, jew ta' persuni potenzjalment politikament attivi milli jipparteċipaw f'avvenimenti ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej.** Madankollu, **jenħtieġ li l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma jinvolvux ruħhom fit-taħriġ ta' kandidati politiċi fis-6 xhur qabel l-elezzjonijiet nazzjonali jew daww**

Ewropej. Barra minn hekk, il-partiti politiċi Ewropej jenħtieġ li jiffinanzjaw biss attivitajiet fil-kuntest tal-kampanji referendarji nazzjonali meta dawn ikunu jikkonċernaw **kwistjonijiet relatati b'mod dirett mal-Unjoni**. Dawn il-prinċipji jirriflettu d-Dikjarazzjoni Nru 11 dwar l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Nizza.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni

(50) Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju komuni għad-divulgazzjonijiet tal-partiti politiċi Ewropej. Minħabba r-rwol speċifiku tagħha fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità tistabbilixxi u tiġġestixxi dan ir-repożitorju bħala parti mir-Reġistru għall-partiti politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinsab fir-repożitorju l-Partiti Politiċi Ewropej jittrażmettuha lill-Awtorità bl-użu ta' format standard u tista' tkun awtomatizzata. Fir-repożitorju tal-Awtorità jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu informazzjoni biex il-kuntest usa' tar-reklamar politiku **u l-għanijiet tiegħu ikunu** jistgħu jinftiehm. L-informazzjoni dwar l-ammont allokat għar-reklamar politiku fil-kuntest ta' kampanja speċifika li għandha tiġi inkluża fir-repożitorju tista' tkun ibbażata fuq **allokazzjoni stmata** ta' finanzjament. L-ammonti li għandhom jissemmew fir-repożitorju jinkludu donazzjonijiet għal skopijiet **jew** benefiċċji **speċifiċi** in natura.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 61

Emenda

(50) Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju komuni għad-divulgazzjonijiet tal-partiti politiċi Ewropej. Minħabba r-rwol speċifiku tagħha fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità tistabbilixxi u tiġġestixxi dan ir-repożitorju bħala parti mir-Reġistru għall-partiti politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinsab fir-repożitorju l-Partiti Politiċi Ewropej jittrażmettuha lill-Awtorità bl-użu ta' format standard u tista' tkun awtomatizzata. Fir-repożitorju tal-Awtorità jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu informazzjoni biex il-kuntest usa' u **l-oġettivi** tar-reklamar politiku **jkunu** jistgħu jinftiehm **miċ-ċittadini**. L-informazzjoni dwar l-ammont allokat għar-reklamar politiku fil-kuntest ta' kampanja speċifika li għandha tiġi inkluża fir-repożitorju tista' tkun ibbażata fuq **stima realistika** ta' finanzjament **u l-ammonti reali, ladarba jkun magħrufa**. L-ammonti li għandhom jissemmew fir-repożitorju jinkludu donazzjonijiet għal skopijiet **speċifiċi**, benefiċċji in natura, **kontribuzzjonijiet, tariffi ta' assoċjazzjoni u riżorsi proprji anċillari**.

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar punti singoli ta' kuntatt inkarigati mill-koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Jenħtieġ li dawn il-punti ta' kuntatt ikollhom biżżejjed riżorsi biex ikunu jistgħu jiggerantixxu koordinazzjoni effikaċi, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ tar-reklamar politiku,

Emenda

(61) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar punti singoli ta' kuntatt inkarigati mill-koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Jenħtieġ li dawn il-punti ta' kuntatt ikollhom biżżejjed riżorsi biex ikunu jistgħu jiggerantixxu koordinazzjoni effikaċi, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ tar-reklamar politiku. ***L-Awtorità jenħtieġ li b'mod regolari tlaqqa' l-punti uniċi ta' kuntatt maħtura mill-Istati Membri għall-iskambju tal-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet ta' tħassib komuni.***

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tkun rikonoxxuta mill-ordinament ġuridiku ta' mill-inqas wieħed mill-Istati Membri jew stabbilita f'konformità miegħu;

Emenda

(b) tkun rikonoxxuta mill-ordinament ġuridiku ta' mill-inqas wieħed mill-Istati Membri jew ***ta' pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ tiegħu ta' rappreżentanza fih, jew tkun*** stabbilita f'konformità miegħu;

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) “partit politiku Ewropew” tfisser ***“alleanza politika”*** li ssegwi għanijiet politiċi, ***ikollha*** l-għan li ssegwi dawn l-għanijiet madwar l-Unjoni, u tkun irreġistrata mal-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 7 f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Emenda

(3) “partit politiku Ewropew” tfisser ***alleanza politika*** li ssegwi għanijiet politiċi, ***li jkollha*** l-għan li ssegwi dawn l-għanijiet madwar l-Unjoni, u ***li l-maġġoranza tal-membri tagħha huma rikonoxxuti, jew stabbiliti, b'mod konformi mal-ordinament ġuridiku ta' mill-inqas Stat Membru wieħed, u għandha s-sede tagħha fl-Unjoni***

Ewropea, u li tkun irreġistrata mal-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 7 f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) “donazzjoni” tfisser kwalunkwe **offerta ta' flus**, kwalunkwe offerta in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe **prodotti, servizzi** (inkluż self) jew **xogħlijiet**, jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet **mill-membri** u l-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn individwi;

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) “kontribuzzjoni mill-membri” tfisser kwalunkwe **ħlas fi flus**, inklużi **ħlasijiet ta' sħubija**, jew kwalunkwe kontribuzzjoni in natura, jew il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe **prodotti, servizzi** (inklużi **selfiet**) jew **xogħlijiet**, u kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, meta mogħtija lil dak il-partit politiku Ewropew jew lil dik il-fondazzjoni politika Ewropea minn xi wieħed mill-membri tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn membri individwali;

Emenda

(7) “donazzjoni” tfisser kwalunkwe **ħlas**, kwalunkwe offerta in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe **prodott, servizz** (inkluż self) jew **xogħol**, jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet, **tariffi ta' assoċjazzjoni, riżorsi proprji anċillari** u l-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn individwi;

Emenda

(8) “kontribuzzjoni” tfisser kwalunkwe **ħlas, ħlief meta jkun indikat b'mod ċar li l-kontribuzzjoni ġejja mill-baġit ġeneral tal-Unjoni Ewropea**, inklużi **ħlasijiet ta' sħubija**, jew kwalunkwe kontribuzzjoni in natura, jew il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe **prodott, servizz** (inklużi **self**) jew **xogħol**, u kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, meta mogħtija lil dak il-partit politiku Ewropew jew lil dik il-fondazzjoni politika Ewropea minn xi wieħed mill-membri tagħhom **li għandu s-sede jew il-post ta' residenza tiegħu ġewwa l-Unjoni**, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn

membri individwali;

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8 a) “tariffi ta' assoċjazzjoni” tfisser kwalunkwe pagament ipprovdut lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea minn wieħed mill-partiti membri tagħhom jew mill-organizzazzjonijiet membri tagħhom, li għandu s-sede tiegħu f'pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ tiegħu ta' rappreżentanza fih.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) “riżorsi proprji” tfisser dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi proprji, bħal **hłasijiet ta' attendenza għall-konferenzi u** bejgħ ta' pubblikazzjonijiet;

(9) “riżorsi proprji **anċillari**” tfisser dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi proprji, bħal **minn attivitajiet konġunti ma' enetitajiet politiċi oħra**, bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, **hłasijiet ta' parteċipazzjoni għal konferenzi jew sessjonijiet ta' ħidma jew attivitajiet oħra direttament marbuta ma' attivitajiet politiċi**;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) “finanzjament indirett” tfisser

(10) “finanzjament indirett” tfisser

finanzjament li minnu l-partit membru jibbenefika minn vantaġġ politiku, anki meta ma jiġux trasferiti fondi direttament; dan jenħtieġ li jinkludi każi li jippermettu lill-partit membru jevita spejjeż li altrimenti jkollu jħallas għal attivitajiet, li mhumiex attivitajiet politiċi **fl-interess komuni**, organizzati għall-benefiċċju tiegħu u tiegħu biss;

finanzjament li minnu l-partit membru jibbenefika minn vantaġġ politiku, anki meta ma jiġux trasferiti fondi direttament; dan jenħtieġ li jinkludi każi li jippermettu lill-partit membru jevita spejjeż li altrimenti jkollu jħallas għal attivitajiet, li mhumiex attivitajiet **konġunti ma' entitajiet** politiċi **oħra kofinanzjati sa fejn dawn jikkonċernaw kwistjonijiet ta' rilevanza għall-oqsma ta' attivitajiet tal-Unjoni**, organizzati għall-benefiċċju tiegħu u tiegħu biss;

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) “reklamar politiku” tfisser reklamar **fis-sens tal-Artikolu 2**, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku];

Emenda

(16) “reklamar politiku” tfisser “reklamar” **kif definit fl-Artikolu 2**, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku];

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) “reklam politiku” tfisser reklam **fis-sens tal-Artikolu 2**, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku];

Emenda

(17) “reklam politiku” tfisser “reklam” **kif definit fl-Artikolu 2**, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku];

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) “servizzi ta' reklamar politiku”

Emenda

(18) “servizzi ta' reklamar politiku”

tfisser servizzi *fis-sens tal-Artikolu 2*, il-punt (5), tar-Regolament 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku].

tfisser “servizzi” *kif definit fl-Artikolu 2*, il-punt (5), tar-Regolament 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku].

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jgħifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub *permezz* tal-modulu fl-Anness I ;

Emenda

(d) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jgħifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, *u* tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub *f'dak is-sens fil-forma* tal-modulu fl-Anness I;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) tiżgura *wkoll* li l-partiti membri tagħha li jkollhom is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-partiti membri tagħha li *jkollhom* is-sede tagħhom *barra mill-Unjoni* josservaw valuri ekwivalenti. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub *permezz* tal-modulu fl-Anness I;

Emenda

(e) tiżgura li l-partiti membri tagħha li għandhom is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-partiti membri tagħha li *għandhom* is-sede tagħhom *f'pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ ta' rappreżentanza fih* josservaw valuri ekwivalenti, *u* tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub *f'dak is-sens fil-forma* tal-modulu fl-Anness I;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tosserva , b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jgħid r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub **permezz** tal-modulu fl-Anness I ;

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tiżgura **wkoll** li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li **għandhom** is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li għandhom is-sede tagħhom **barra mill-Unjoni** josservaw valuri ekwivalenti. Tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub **permezz** tal-modulu fl-Anness I;

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

(i) **rekwiżit li l-partiti membri juru l-logo tal-partit politiku Ewropew b'mod viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, li jispeċifika li dan għandu jitqiegħed fil-parti fuq tal-ewwel paġna tas-sit web tal-partit membru u b'mod ugwalment**

Emenda

(c) tosserva, b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħha, il-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jgħid r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, **u** tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub **f'dak is-sens fil-forma** tal-modulu fl-Anness I;

Emenda

(d) tiżgura li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li **għandhom** is-sede tagħhom fl-Unjoni josservaw il-valuri espressi fl-Artikolu 2 TUE u li l-organizzazzjonijiet membri tagħha li għandhom is-sede tagħhom **f'pajjiż terz li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa u li jiddisponi mid-dritt sħiħ ta' rappreżentanza fih** josservaw valuri ekwivalenti, **u** tipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub **f'dak is-sens fil-forma** tal-modulu fl-Anness I;

Emenda

imħassar

viżibbli bħal-logo tal-partit membru stess;

Emenda 131

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt j**

Test propost mill-Kummissjoni

j) *in-normi* interni *li* dwar *il-bilanċ* bejn il-ġeneri.

Emenda

j) ir-regoli interni *proprji* dwar *l-ugwaljanza* bejn il-ġeneri.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a

Obbligi ta' trasparenza fir-rigward tal-użu tal-logos, il-pubblikazzjoni tal-programm politiku u l-bilanċ bejn il-ġeneri

1. *Kull partit politiku Ewropew għandu jiżgura li l-partiti membri jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew. Il-logo tal-partit politiku Ewropew għandu jintwera fil-parti ta' fuq tal-paġna ta' quddiem tas-sit web tal-partit membru, b'mod viżibbli b'mod ċar.*

2. *Kull partit politiku Ewropew u l-partiti membri tiegħu għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom informazzjoni dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jsiru wara ...[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], flimkien ma' informazzjoni aġġornata dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-Membri tal-Parlament Ewropew tagħhom. Kull partit politiku Ewropew għandu jiżgura li l-partiti membri tiegħu jippubblikaw tali informazzjoni dwar il-*

kandidati rispettivi tagħhom fl-elezzjonijiet Ewropej u dwar il-Membri tal-Parlament Ewropew tagħhom fuq is-siti web tagħhom.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-ewwel diffużjoni***, kull partit politiku Ewropew għandu jittrażmetti lill-Awtorità informazzjoni dwar kull riklam politiku li jisponsorja jew jippubblika direttament biex jippermetti li l-kuntest usa' tar-reklamar politiku u ***l-għanijiet tiegħu*** jinftiehm u miċ-ċittadini. Din l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt 1 tal-Anness II.

Emenda

2. Kull partit politiku Ewropew għandu jittrażmetti lill-Awtorità informazzjoni dwar kull riklam politiku li jisponsorja jew jippubblika direttament biex jippermetti li l-kuntest usa' u ***l-objettivi*** tar-reklam politiku jinftiehm miċ-ċittadini. Din l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-punt 1 tal-Anness II. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-Awtorità f'forma li hija faċilment aċċessibbli u li tuża lingwaġġ sempliċi.***

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtorità għandha tippubblika ***minnufih*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fir-repożitorju previst fl-Artikolu 8. ***L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'forma li tkun faċilment aċċessibbli, viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, u li tuża lingwaġġ sempliċi.***

Emenda

3. L-Awtorità għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fir-repożitorju previst fl-Artikolu 8 ***mingħajr dewmien żejjed.***

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità regolatorja nazzjonali waħda jew aktar li jkollha l-kompetenza li tissorvelja l-konformità mal-paragrafi 1, 2 u 4 u tinnotifika lill-Awtorità b'dan. Tali awtoritajiet jew korpi regolatorji nazzjonali għandhom iħaddmu s-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti u jkunu legalment distinti mill-gvern u funzjonalment indipendenti mill-gvernijiet rispettivi tagħhom u minn kull korp pubbliku jew privat ieħor. L-Awtorità għandha tippubblika fis-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri u żżommha aġġornata. Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu suġġetti għal rimedji legali effikaċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, b'talba ta' kwalunkwe parti interessata, jista' jitfittex rimedju xieraq li jirrikjedi li l-Partit Politiku Ewropew itemm kull ksur tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 jew 4.

imħassar

Emenda 133

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) ir-regoli interni proprji dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Emenda 134

**Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 6a

Rekwiżiti għar-regoli dwar l-ugwaljanza

bejn il-ġeneri

1. Il-korpi governattivi kolleġġjali tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jilhqqu bilanċ bejn il-ġeneri.

2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jadottaw pjan għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri li jinkludi mekkaniżmi li jiggwarantixxu l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom u l-partiti politiċi Ewropej għandhom jistiednu l-partiti membri tagħhom biex jagħmlu l-istess.

3. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandu jkollhom protokoll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju sesswali u l-fastidju abbażi tal-ġeneru. Huma għandhom jiżguraw l-indipendenza u l-għarfien espert tal-esperti li jwettqu l-investigazzjonijiet u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fil-konfront tal-awturi ta' dawk l-atti. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jinkorporaw il-projbizzjoni ta' atti ta' fastidju sesswali u ta' fastidju abbażi tal-ġeneru fir-regoli interni tagħhom.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni u l-qtugħ mir-reġistru ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati *f'konformità mal-*

Emenda

L-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar ir-reġistrazzjoni u l-qtugħ mir-reġistru ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont il-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati *fl-Artikolu 4(1), il-*

Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e) u **(f)**, u fl-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e), u (g), ikomplu jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati.

punti (a), (b), (d), (e), **(f)** u **(h)**, u fl-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e), u (g), ikomplu jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Kull emenda għad-dokumenti jew l-istatuti li tiġi ppreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(2), għandha tiġi notifikata lill-Awtorità, li għandha taġġorna r-reġistrazzjoni f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 18(2) u (4), mutatis mutandis.

Emenda

5. Kull emenda għad-dokumenti jew l-istatuti li tiġi ppreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(2), għandha tiġi notifikata lill-Awtorità **fi żmien xahrejn. L-Awtorità għandha taġġorna r-reġistrazzjoni fid-dawl ta' tali emendi, billi tapplika l-proċeduri** stipulati fl-Artikolu 18(2) u (4), mutatis mutandis.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-lista aġġornata tal-partiti membri ta' partit politiku Ewropew, annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), għandha tintbagħat lill-Awtorità kull sena. Kull bidla li b'konsegwenza tagħha l-partit politiku Ewropew jista' ma jibqax jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), għandha tiġi kkomunikata lill-Awtorità fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir tali bidla.

Emenda

6. Il-lista aġġornata tal-partiti membri ta' partit politiku Ewropew, annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), għandha tintbagħat lill-Awtorità **sat-30 ta' Settembru** kull sena. Kull bidla li b'konsegwenza tagħha l-partit politiku Ewropew jista' ma jibqax jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), għandha tiġi kkomunikata lill-Awtorità fi żmien erba' ġimgħat minn meta ssir tali bidla.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni

Emenda

Verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni **u eżami tar-raġunijiet għat-tneħħija mir-Reġistru mill-Awtorità**

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita **fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu**, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3, u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e) u (f), u **l-Artikolu** 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), għadhom qed jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati.

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għall-proċedura stabbilita **fl-Artikolu 11a**, l-Awtorità għandha b'mod regolari tivverifika li l-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3, u d-dispożizzjonijiet ta' governanza stipulati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f) u (h), u **fl-Artikolu** 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), għadhom qed jiġu rispettati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Meta l-Awtorità ssib li xi waħda mill-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni jew mid-dispożizzjonijiet tal-governanza msemmija fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 3(1), il-punt d), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c), ma għadhomx qed jiġu rrispettati, għandha tinnotifika lill-partit politiku Ewropew jew**

Emenda

2. **Fejn, wara verifika mwettqa fis-sens tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità tqis li waħda mir-raġunijiet għad-dereġistrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 19(1), il-punt (a)(i) jew (ii), tista' tapplika għal partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, l-Awtorità għandha, mingħajr dewmien żejjed,**

lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.

tinforma lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar dan.

Fejn l-Awtorità taf b'ċirkustanzi li jindikaw li waħda mir-raġunijiet għad-dereġistrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 19(1), il-punt (a), jew fis-sens tal-Artikolu 19(2), tista' tapplika għal partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, l-awtorità għandha tinforma mingħajr dewmien żejjed lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar dan.

Meta jiġu infurmati partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea skont l-ewwel jew it-tieni subparagrafu, l-Awtorità għandha tistieden lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni kkonċernata.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. I Il-Parlament Ewropew, b'inizjattiva proprja tiegħu jew wara talba motivata minn grupp ta' ċittadini, ippreżentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jew il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jippreżentaw talba lill-Awtorità għall-verifika tal-konformità minn partit politiku Ewropew speċifiku jew fondazzjoni politika Ewropea speċifika mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) . F'tali każijiet, u fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 19(3), il-punt (a), l-Awtorità għandha titlob lill-

Emenda

3. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 3(1), punt (c), (f) jew (g), l-Artikolu 3(2), punt (e), (f) jew (g), jew id-dispożizzjonijiet ta' governanza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Awtorità għandha tagħti lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni fil-limitu ta' żmien previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-iskadenza tista' tiġi estiża mill-Awtorità fuq talba motivata tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jekk u sa

kumitat ta' persuni eminenti indipendenti msemmi fl-Artikolu 14 għal opinjoni dwar is-suġġett. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahrejn.

fejn tali estensjoni tkun meħtieġa u xierqa fir-rigward tal-miżuri korrettivi previsti mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-Awtorità ssir taf b'fatti li jistgħu jgħajmu dubji dwar konformità minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c), għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-ħsieb li tippermetti lil kwalunkwe istituzzjoni minnhom tippreżenta talba għall-verifika kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jindikaw l-intenzjoni tagħhom fi żmien xahrejn minn meta jirċievu din l-informazzjoni.

imħassar

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-proċeduri stipulati fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx jinbdew fil-perjodu ta' xahrejn qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Dan il-limitu ta' żmien ma għandux japplika fir-rigward tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 12.

imħassar

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'kunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-kumitat, l-Awtorità għandha tiddeċiedi jekk għandhiex taqta' mir-reġistru l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun motivata kif jistħoqq.

imħassar

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Deċiżjoni tal-Awtorità ta' qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet stipulati f l-Artikolu 3(1), il-punt (d), jew l-Artikolu 3(2), il-punt (c), tista' tiġi adottata biss f'każ ta' ksur manifest u serju ta' dawk il-kundizzjonijiet. Għandha tkun suġġetta għall-proċedura spjegata fil-paragrafu 4.

imħassar

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Deċiżjoni tal-Awtorità li taqta' mir-reġistru partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għar-raġuni ta' ksur manifest u serju fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati

4. Malli jiskadu l-perjodi msemmija fil-paragrafi 2 u 3, jew malli tirċievi kwalunkwe osservazzjoni jew informazzjoni dwar miżuri korrettivi mill-partit politiku Ewropew jew mill-

fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), jew fl-Artikolu 3(2), il-punt (c), għandha tiġi kkomunikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi żmien tliet xhur minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet ikkomunikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Awtorità li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Fil-każ li ssir oġġezzjoni mill- mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea għandhom jibqgħu reġistrati.

fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati sa dak il-perjodu, l-Awtorità għandha, mingħajr dewmien żejjed u fid-dawl ta' kwalunkwe osservazzjoni bħal din sottomessa mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea, tivvaluta jekk xi waħda mir-raġunijiet għad-dereġistrazzjoni skont l-Artikolu 19(1), il-punt (a), jew skont l-Artikolu 19(2), tapplikax għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għad-deċiżjoni biss għal raġunijiet relatati mal-valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c).

imħassar

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jiġu infurmati li jkunu tqajmu oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni tal-Awtorità li taqtagħhom mir-reġistru.

imħassar

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill
għandhom jadottaw pożizzjoni
f'konformità mar-regoli rispettivi
tagħhom għat-teħid tad-deċiżjonijiet kif
stabbilit f'konformità mat-Trattati. Kull
oġġezzjoni għandha tkun motivata kif
mistoqqa u għandha ssir pubblika.***

imħassar

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***5. Deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi
mir-reġistru partit politiku Ewropew jew
fondazzjoni politika Ewropea, li għaliha
ma tkun issemmiet ebda oġġezzjoni skont
il-proċedura stipulata fil-paragrafu
4, flimkien ma' raġunijiet dettaljati għad-
dereġistrazzjoni, għandha tiġi notifikata
lill-partit politiku Ewropew jew
fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati
u tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-
Unjoni Ewropea. Id-deċiżjoni għandha
tieħu effett man-notifika f'konformità
mal-Artikolu 297 TFUE .***

imħassar

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***6. Fondazzjoni politika Ewropea
għandha awtomatikament titlef id-dritt
għall-istatus tagħha bħala tali jekk il-***

imħassar

partit politiku Ewropew li miegħu tkun affiljata jitneħħa mir-Reġistru.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

Verifika tal-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni relatati mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni

1. Il-Parlament Ewropew, b'inizjattiva proprja tiegħu jew wara talba motivata minn grupp ta' ċittadini, ippreżentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jew il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jippreżentaw talba lill-Awtorità biex tivverifika jekk partit politiku Ewropew speċifiku jew fondazzjoni politika Ewropea speċifika jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), u fl-Artikolu 3(2), il-punti (c) u (d). F'każijiet b'hal dawn, u fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11b(2), l-Awtorità għandha tinforma lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati mingħajr dewmien żejjed, tistedinhom jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom u tagħtihom l-opportunità li jintroduċu miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni fi żmien xahar.

Il-perijodu jista' jiġi estiż mill-Awtorità fuq talba motivata tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jekk estensjoni tkun meħtieġa u xierqa fir-rigward tal-miżuri korrettivi previsti mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea.

Malli jiskadi l-perijodu msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi jew malli tirċievi kwalunkwe osservazzjoni u informazzjoni

dwar miżuri korrettivi mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati sa dak il-perijodu, l-Awtorità għandha tissottometti l-osservazzjonijiet magħmula mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati u, fejn applikabbli, id-deskrizzjoni tal-miżuri korrettivi meħuda minn dak il-partit jew dik il-fondazzjoni lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti msemmija fl-Artikolu 14, u għandha titlob lil dan il-kumitat għal opinjoni dwar is-suġġett. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahrejn.

Meta l-Awtorità ssir taf b'fatti li jistgħu jqajmu dubji dwar il-konformità minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea speċifiċi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), u l-Artikolu 3(2), il-punti (c) u (d), din għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex kwalunkwe istituzzjoni minnhom tkun tista' tippreżenta talba għall-verifika kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jressqu talba għal verifika fi żmien xahrejn minn meta jirċievu dik l-informazzjoni.

2. Il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx jinbdew fix-xahrejn li jippreċedu l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

3. L-Awtorità għandha tiddeċiedi jekk tneħħix ir-reġistrazzjoni tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti msemmija fl-Artikolu 14. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun debitament motivata.

4. Deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi mir-reġistrazzjoni minħabba raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet

stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), jew l-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d), għandha tiġi adottata biss fil-każ ta' ksur manifest u serju ta' dawk il-kundizzjonijiet. Id-deċiżjoni għandha tkun suġġetta għall-proċedura stabbilita fil-paragrafu 5.

5. Deċiżjoni tal-Awtorità li taqta' mir-reġistru partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għar-raġuni ta' ksur manifest u serju tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), jew fl-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d), għandha tiġi kkomunikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi żmien tliet xhur minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet ikkomunikata lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Awtorità li mhumiex sejrjn joġġezzjonaw. Fil-każ li ssir oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea għandhom jibqgħu reġistrati.

6. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw biss għad-deċiżjoni tal-Awtorità għad-dereġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew ifondazzjoni politika Ewropea minħabba raġunijiet relatati mal-valutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), u l-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d).

7. Meta titqajjem oġġezzjoni għal deċiżjoni tal-Awtorità għad-dereġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jiġu infurmati mill-Awtorità dwar tali oġġezzjoni.

8. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw pożizzjoni skont ir-regoli rispettivi tagħhom dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet stabbiliti f'konformità mat-

Trattati. Kwalunkwe oġġezzjoni mqajma għal deċiżjoni tal-Awtorità għad-dereġistrazzjoni ta' partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandha tkun debitament motivata, u għandha ssir pubblika.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11b

Verifika tal-obbligi fil-liġi nazzjonali

1. Jekk partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jwettqu l-obbligi relevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17(2) u jekk, fid-dawl tad-dritt fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni minqux fl-Artikolu 12 tal-Karta u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-pluraliżmu tal-partiti politiċi fl-Ewropa, dak in-nuqqas ikun serju biżżejjed biex jiġġustifika d-dereġistrazzjoni tagħhom, l-Istat Membru tas-sede tal-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jista' jindirizza lill-Awtorità talba għad-dereġistrazzjoni. Dik it-talba għandha tkun debitament motivata. B'mod partikolari, hija għandha tidentifika b'mod preċiż u eżawrjenti l-azzjonijiet illegali u r-rekwiżiti nazzjonali speċifiċi li ma ġewx osservati.

Jekk is-suġġett tat-talba tal-Istati Membri jirrigwarda esklużivament jew b'mod predominanti elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif minxuqa fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-Awtorità għandha tibda proċedura ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 11a.

Għal kwalunkwe kwistjoni oħra, li fiha, fit-talba tiegħu skont l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru

jikkonferma li jeżisti rimedju effettiv kontra tali talba fil-livell nazzjonali u r-rimedji kollha li jikkonċernaw tali talba jkunu ġew eżawriti, l-Awtorità għandha, wara li tisma' lir-rappreżentant tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, tivvaluta jekk ir-raġuni għad-dereġistrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 19(1), il-punt (d), tapplikax għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.

2. Jekk partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu naqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi relevanti tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2), u jekk il-kwistjoni tikkonċerna b'mod esklużiv jew b'mod predominanti elementi li jaffettwaw ir-rispett għall-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-Istat Membru kkonċernat jista' jindirizza talba lill-Awtorità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1. L-Awtorità għandha tipproċedi bi qbil mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

3. Fi kwlaunkwe każ, l-Awtorità għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed. L-Awtorità għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar is-segwitu mogħti lit-talba motivata għad-dereġistrazzjoni.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Jekk l-Awtorità hija infurmata dwar deċiżjoni ta' awtorità superviżorja nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 4 , il-punt (21),tar-Regolament (UE) 2016/679 li

Emenda

2. L-Awtorità għandha tiġi infurmata b'kull deċiżjoni fil-livell nazzjonali ta' awtorità superviżorja kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (21),tar-Regolament

tikkonkludi li persuna fiżika jew ġuridika tkun kisret regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali u jekk minn dik id-deċiżjoni jirriżulta, jew inkella fejn altrimenti jkun hemm bażi raġonevoli biex tintlaħaq il-konklużjoni, li l-ksur ikun marbut mal-attivitajiet politiċi ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, l-Awtorità għandha tirreferi l-kwistjoni lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament. L-awtorità tista', jekk ikun meħtieġ, tikkoordina mal-awtorità superviżorja *nazzjonali* kkonċernata.

(UE) 2016/679 li tikkonkludi li persuna fiżika jew ġuridika tkun kisret regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali u jekk minn dik id-deċiżjoni jirriżulta, jew inkella fejn altrimenti jkun hemm bażi raġonevoli biex tintlaħaq il-konklużjoni, li l-ksur ikun marbut mal-attivitajiet politiċi ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, l-Awtorità għandha tirreferi l-kwistjoni lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament. L-awtorità tista', jekk ikun meħtieġ, tikkoordina mal-awtorità superviżorja kkonċernata.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fid-dawl tal-opinjoni tal-kumitat, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, skont l-Artikolu 30(2), il-punt (a)(vii), jekk għandhiex timponi sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun debitament motivata, partikolarment fir-rigward tal-opinjoni tal-kumitat, u għandha tiġi ppubblikata malajr kemm jista' jkun.

Emenda

4. Fid-dawl tal-opinjoni tal-kumitat, l-Awtorità għandha tiddeċiedi, skont l-Artikolu 30(I), il-punt (a)(vii), jekk għandhiex timponi sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun debitament motivata, partikolarment fir-rigward tal-opinjoni tal-kumitat, u għandha tiġi ppubblikata malajr kemm jista' jkun.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 11.

Emenda

5. Il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għall-proċedura stipulata *fl-Artikoli 11, 11a u*

11b. Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 11a(2) ma għandux japplika għall-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull sena l-Awtorità għandha tħejji u tippubblika rapport dwar l-attività ta' reklamar politiku tal-partiti politiċi Ewropej. Dan ir-rapport għandu jinkludi **sommarju fattwali tar-rapporti** għas-sena ta' rappurtar rilevanti ppubblikati mill-partiti politiċi Ewropej **skont l-Artikolu 5(4), kif ukoll kull deċiżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali maħtura skont l-Artikolu 5(6) jew tal-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 5(7) li jirriżultalhom li partit politiku Ewropew kiser l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jiġilfu l-personalità ġuridika Ewropea tagħhom **man-notifika ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 11(5).**

Emenda

Kull sena l-Awtorità għandha tħejji u tippubblika rapport dwar l-attività ta' reklamar politiku tal-partiti politiċi Ewropej. Dan ir-rapport għandu jinkludi **rapporti** għas-sena ta' rappurtar rilevanti ppubblikati mill-partiti politiċi Ewropej **b'mod konformi mal-Artikolu 5(4).**

Emenda

1. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jiġilfu l-personalità ġuridika Ewropea tagħhom **meta jinqatgħu mir-Reġistru b'deċiżjoni tal-Awtorità:**

(a) jekk, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11, l-Awtorità tikkonstata li:

(i) waħda mill-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), (b), (c), (f) jew (g), jew fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), (b), (e), (f) jew (g), ma ġietx rispettata mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika

Ewropea inkwistjoni;

(ii) waħda mid-dispożizzjonijiet relatati mal-governanza stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), (b), (d), (e), (f), (h), jew (i) jew fl-Artikolu 6(1), il-punti (a) sa (e) jew (g), ma ġietx rispettata mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni;

(iii) il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni huma f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;

(iv) id-deċiżjoni li jiġi rreġistrat il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni hija bbażata fuq informazzjoni deċiżiva għad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni li ma kinitx korretta jew li kienet qarrieqa jew id-deċiżjoni tkun inkisbet b'qerq;

(b) jekk, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11a, l-Awtorità tikkonstata li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) jew (e), jew l-Artikolu 3(2), il-punt (c) jew (d), li jikkonċernaw ir-rispett għall-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, ikunu nkisru b'mod manifest u serju mill-partit politiku Ewropew inkwistjoni jew mill-partiti membri tiegħu jew mill-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni jew mill-organizzazzjonijiet membri tagħha;

(c) fuq talba tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernata; jew

(d) fuq talba ta' Stat Membru li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11b(1) u (3).

Emenda 54

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Partit politiku Ewropew **jew** fondazzjoni politika Ewropea **għandhom jittneħħew** mir-Reġistru **b'deċiżjoni tal-Awtorità:**

(a) **b'konsegwenza ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikoli 11 minn (2) sa (5);**

(b) **fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 11(6);**

(c) **fuq talba tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernata;**

(d) **fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), .**

Emenda 55

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Meta** partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea **jonqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi rilevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(2), l-Istat Membru tas-sede jista' jindirizza lill-Awtorità talba għal qtugħ mir-reġistru li tkun debitament motivata, liema talba għandha tidentifika b'mod preċiż u eżawstiv l-azzjonijiet illegali u r-rekwiżiti nazzjonali speċifiċi li ma għewx rispettati. F'każijiet bħal dawn, l-Awtorità għandha:**

(a) **fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati b'mod esklużiv jew b'mod predominanti ma' elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, kif espress fl-Artikolu 2 TUE, tnedi proċedura ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 11(3) ta' dan ir-Regolament. Għandu japplika wkoll l-Artikolu 11(4),**

Emenda

2. **Jekk l-Awtorità tiddeċiedi li tneħħi** partit politiku Ewropew **mir-Reġistru, hija għandha tneħħi wkoll** fondazzjoni politika Ewropea **affiljata miegħu** mir-Reġistru.

Emenda

3. **Id-deċiżjoni tal-awtorità li tneħħi** partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea **mir-Reġistru għandha tiġi indirizzata, u nnotifikata, lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.**

(5) u (6) ta' dan ir-Regolament;

(b) fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni oħra, u meta t-talba motivata tal-Istat Membru kkonċernat tikkonferma li jkunu ġew eżawriti r-rimedji nazzjonali kollha, tiegħu deċiżjoni li tneħħi mir-Reġistru l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.

Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu diġà naqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi rilevanti tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(2), u jekk il-kwistjoni jkollha rabta b'mod esklużiv jew b'mod predominanti ma' elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, kif espress fl-Artikolu 2 TUE, l-Istat Membru kkonċernat jista' jindirizza talba lill-Awtorità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-Awtorità għandha tipproċedi f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu.

Fi kważi kważi każ, l-Awtorità għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed. L-Awtorità għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar is-segwitu mogħti lit-talba motivata għal qtugħ mir-reġistru.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Awtorità għandha tiffissa d-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li fih il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea

imħassar

ikollhom is-sede tagħhom.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Partit politiku Ewropew li jkun irreġistrat skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jkun rappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-inqas wieħed mill-membri tiegħu, u li ma jkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jista' japplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal kontribuzzjonijiet.

Emenda

1. Partit politiku Ewropew li jkun irreġistrat skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jkun rappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-inqas wieħed mill-membri tiegħu, u li ma jkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jista' japplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal kontribuzzjonijiet ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.***

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sħubija diretta tal-Parlament Ewropew għandha tiġi aċċettata f'każijiet fejn Membru tal-Parlament Ewropew ma jkunx membru ta' partit nazzjonali jew reġjonali affiljat ma' partit politiku Ewropew.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Fil-limiti stipulati fl-Artikoli 24 u

5. Fil-limiti stipulati fl-Artikoli 24

25, in-nefqa rimborsabbli permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi n-nefqa amministrattiva u n-nefqa marbuta mal-assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntieri, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll in-nefqa relatata mal-kampanji.

u 25, in-nefqa rimborsabbli permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja **mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea** għandha tinkludi n-nefqa amministrattiva u n-nefqa marbuta mal-assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntieri, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll in-nefqa relatata mal-kampanji.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jirċievi finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, li jkunu jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20(1) jew (2), għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Parlament Ewropew wara sejħa għal kontribuzzjonijiet jew proposti.

Emenda

1. Sabiex jirċievi finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, li jkunu jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20(1) jew (2), għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Parlament Ewropew wara sejħa għal kontribuzzjonijiet **mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea** jew **sejħa għal** proposti.

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea għandhom, fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom, ikunu konformi mal-obbligi mniżżla fl-Artikolu 26 Mid-data tal-applikazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena finanzjarja jew tal-azzjoni koperti mill-kontribuzzjoni jew l-għotja, għandhom jibqgħu reġistrati fir-Reġistru u ma jistgħu jkunu s-suġġett ta' ebda waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2), il-punti (a) (v) **sa (ix)**.

Emenda

2. Il-partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea għandhom, fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom, ikunu konformi mal-obbligi mniżżla fl-Artikolu 26 Mid-data tal-applikazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena finanzjarja jew tal-azzjoni koperti mill-kontribuzzjoni jew l-għotja **mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea**, għandhom jibqgħu reġistrati fir-Reġistru u ma jistgħu jkunu s-suġġett ta' ebda waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 30(1) u fl-Artikolu 30(2), il-punti (a), (v) **u (vi)**.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi li l-partiti membri tal-UE tiegħu, bħala regola, ikunu ppubblikaw fis-siti web tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (i), , matul it-12-il xahar li jippreċedu d-data finali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew.

imħassar

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi l-konformità tiegħu mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), u li l-partiti membri tiegħu kontinwament ippubblikaw fis-siti web tagħhom, matul it-12-il xahar preċedenti għad-data li fiha ssir l-applikazzjoni, informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-kandidati fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dwar l-evoluzzjoni tar-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-Membri tagħhom tal-Parlament Ewropew.

imħassar

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li

imħassar

turi li huwa konformi mal-Artikolu 5, li jżomm politika aġġornata rigward l-użu tar-reklamar politiku u li din il-politika implimentaha matul it-12-il xahar preċedenti għad-data finali biex jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal kontribuzzjonijiet jew tas-sejħa għal proposti, u għandu jawtorizza u jamministra l-appropriazzjonijiet korrispondenti, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Emenda

7. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal kontribuzzjonijiet **mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea** jew tas-sejħa għal proposti, u għandu jawtorizza u jamministra l-appropriazzjonijiet korrispondenti, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet u riżorsi proprji

Emenda

Donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet, **tariffi ta' assoċjazzjoni** u riżorsi proprji **anċillari**

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom, fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali

Emenda

2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom, fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali

tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26, jibagħtu wkoll lista tad-donaturi kollha bid-donazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jindikaw kemm in-natura kif ukoll il-valur tad-donazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal kontribuzzjonijiet magħmula minn partiti membri tal-partiti politiċi Ewropej u mill-organizzazzjonijiet membri tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26, jibagħtu wkoll lista tad-donaturi kollha bid-donazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jindikaw kemm in-natura kif ukoll il-valur tad-donazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal kontribuzzjonijiet ***u t-tariffi ta' assoċjazzjoni*** magħmula minn partiti membri tal-partiti politiċi Ewropej u mill-organizzazzjonijiet membri tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***u għal kontribuzzjonijiet li jaqbu l-EUR 1 500 magħmula minn membri individwali ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej.***

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għal donazzjonijiet minn persuni fiżiċi li l-valur tagħhom jaqbeż ***l-EUR 1500*** u jkun anqas jew ekwivalenti għal EUR 3000, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jindikaw jekk ***id-donaturi*** korrispondenti jkunux taw kunsens bil-miktub minn qabel għall-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (e).

Emenda

Għal donazzjonijiet ***u kontribuzzjonijiet*** minn persuni fiżiċi li l-valur tagħhom jaqbeż ***EUR 1500*** u jkun anqas jew ekwivalenti għal EUR 3000, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jindikaw jekk ***il-persuni fiżiċi*** korrispondenti jkunux taw kunsens bil-miktub minn qabel għall-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (e).

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-donazzjonijiet riċevuti minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***u nfiq ifffinanzjat minn dawn id-donazzjonijiet*** fi żmien sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandhom, kull

Emenda

3. Id-donazzjonijiet riċevuti minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej fi żmien sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandhom, kull ġimgħa, ikunu rrapportati bil-miktub lill-Awtorità, u

ġimgħa, ikunu rrapportati bil-miktub lill-Awtorità, u f'konformità mal-paragrafu 2.

f'konformità mal-paragrafu 2.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

5. **Għad-donazzjonijiet** kollha **li l-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 3000**, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jitolbu **lid-donaturi biex** jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa **għall-identifikazzjoni korretta tagħhom**. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jittrażmettu l-informazzjoni li jirċievu lill-Awtorità meta din titlobha.

Emenda

5. **Fir-rigward tad-donazzjonijiet** kollha **minn donatur wieħed b'valur annwali kumulattiv ta' aktar minn EUR 3 000**, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jitolbu **li tali donaturi** jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa **sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati kif xieraq**. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jittrażmettu l-informazzjoni li jirċievu lill-Awtorità meta din titlobha.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtorità għandha tistabbilixxi formola biex tintuża għall-finijiet **tal-ewwel** subparagrafu.

Emenda

L-Awtorità għandha tistabbilixxi formola biex tintuża għall-finijiet **tal-identifikazzjoni tad-donaturi msemmija fl-ewwel** subparagrafu.

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) donazzjonijiet jew **kontribuzzjonijiet** anonimi,

Emenda

(a) donazzjonijiet, **kontribuzzjonijiet** jew **tariffi ta' assoċjazzjoni** anonimi;

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) donazzjonijiet minn kwalunkwe entità privata bbażata ***f'pajjiż terz*** jew minn individwi ***minn pajjiż terz li*** mhumiex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Emenda

(d) donazzjonijiet minn kwalunkwe entità privata bbażata ***barra mill-Unjoni*** jew minn individwi ***barra mill-Unjoni li*** mhumiex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-Awtorità għandha ***tagħmel verifiki*** meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ***ingħatat*** bi ksur ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea u d-donaturi tagħhom.

Emenda

8. L-Awtorità għandha ***twettaq kontrolli*** meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ***ġiet aċċettata*** bi ksur ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea u d-donaturi tagħhom.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. ***Għandhom ikunu permessi kontribuzzjonijiet minn membri ta' partit politiku Ewropew li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew li huma ċittadini tiegħu, jew minn partiti membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa . Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri ma għandux jaqbeż 1-40 % tal-baġit annwali ta' partit politiku Ewropew. Il-valur tal-kontribuzzjonijiet mill-partit membri li għandhom is-sede f'pajjiż barra***

Emenda

9. ***Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lil partit politiku Ewropew ma għandux jaqbeż 1-40 % tal-baġit annwali tiegħu.***

mill-Unjoni ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali minn dawn il-membri.

Emenda 76

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 9a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9a. Il-valur totali tat-tariffi tal-assoċjazzjoni lil partit politiku Ewropew ma għandux jaqbeż l-20 % tal-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lil dak il-partit. Kwalunkwe ħlas ta' tariffi ta' assoċjazzjoni jista' jsir biss fil-qafas ta' regoli u rati ġeneralment applikabbli stabbiliti mill-partit politiku Ewropew.

Emenda 77

**Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 10 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10. Għandhom ikunu permessi kontribuzzjonijiet mill-membri , ta'fondazzjoni politika Ewropea li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew li huma ċittadini tiegħu, jew minn organizzazzjonijiet membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa , u mill-partit politiku Ewropew li miegħu hi affiljata. Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri ma ghanduxjaqbeż l-40 % tal-baġit annwali ta' fondazzjoni politika Ewropea u ma għandux jiġi minn fondi rċevuti minn partit politiku Ewropew mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-valur tal-kontribuzzjonijiet mill-partit membri li għandhom is-sede f'pajjiż barra mill-Unjoni ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali

10. Il-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-membri u tal-finanzjament mill-partit politiku Ewropew li miegħu huma affiljati ma għandux jeċċedi l-40 % tal-baġit annwali ta' fondazzjoni politika Ewropea u ma għandux jiġi minn fondi rċevuti minn partit politiku Ewropew fl-ambitu ta' dan ir-Regolament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea .

minn dawk il-membri.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Il-valur totali tat-tariffi tal-assoċjazzjoni lil partit politiku Ewropew ma għandux jaqbeż l-20 % tal-valur totali tal-kontribuzzjonijiet lil dak il-partit.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12. Kull kontribuzzjoni li mhijiex permessa skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lura f'konformità mal-paragrafu 7.

12. Kull kontribuzzjoni **jew tariffa ta' assoċjazzjoni** li mhijiex permessa skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lura f'konformità mal-paragrafu 7.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

13. Il-valur tar-riżorsi proprji ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea ġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji ma għandux jaqbeż il-**5 % tal-baġit annwali ta'** dak il-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea.

13. Il-valur tar-riżorsi proprji **anċillari** ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea ġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji ma għandux jaqbeż il-**10 % tal-ammont iġġenerat mill-kontribuzzjonijiet lil** dak il-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea **u t-tariffi ta' assoċjazzjoni tagħhom.**

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej **u ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej** mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor jista' jintuża biex jiffinanzja kampanji referendarji meta dawn il-kampanji jkunu jikkonċernaw ***l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni***.

Emenda

2. Il-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor jista' jintuża biex jiffinanzja kampanji referendarji meta dawn il-kampanji jkunu jikkonċernaw ***kwistjonijiet direttament relatati mal-Unjoni Ewropea***.

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Minkejja l-Artikolu 24(1) il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' ***partiti*** politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati. Dawn il-partiti politiċi nazzjonali u l-kandidati għandhom jibqgħu jiġu regolati minn regoli nazzjonali.

Emenda

1. Minkejja l-Artikolu **23(10) u l-Artikolu** 24(1) il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' ***entitajiet*** politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati. Dawn il-partiti politiċi nazzjonali u l-kandidati għandhom jibqgħu jiġu regolati minn regoli nazzjonali.

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-finanzjament ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża għall-ebda skop ieħor ħlief dak tal-finanzjament tal-kompiti tagħhom kif elenkati fl-Artikolu 2, il-punt (4), u biex jitħallas l-infiq marbut

Emenda

2. Il-finanzjament ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża għall-ebda skop ieħor ħlief dak tal-finanzjament tal-kompiti tagħhom kif elenkati fl-Artikolu 2, il-punt (4), u biex jitħallas l-infiq marbut

direttament mal-obgettivi stabbiliti fl-istatuti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6. B'mod partikolari ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' elezzjonijiet, **ta'** partiti politiċi, jew kandidati jew fondazzjonijiet oħra.

direttament mal-obgettivi stabbiliti fl-istatuti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6. B'mod partikolari, ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' elezzjonijiet, partiti politiċi, jew kandidati **fis-sitt xhur qabel l-elezzjonijiet nazzjonali** jew **Ewropej**, jew **ta'** fondazzjonijiet oħra.

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara tmiem is-sena finanzjarja, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jippreżentaw ***lill-Awtorità, b'kopja*** lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew ***u lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali Kompetenti tal-Istat Membru tas-sede tagħhom:***

Emenda

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara tmiem is-sena finanzjarja, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jippreżentaw lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew, ***f'format miftuħ u li jinqara minn apparat, dan li ġej:***

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet jew ***kontribuzzjonijiet*** korrispondenti tagħhom irrappurtati f'konformità mal-Artikolu 23(2), (3) u (4).

Emenda

(c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet, ***il-kontribuzzjonijiet*** jew ***it-tariffi ta' assoċjazzjoni*** korrispondenti tagħhom irrappurtati f'konformità mal-Artikolu 23(2), (3) u (4).

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jibagħtu wkoll kopja ta' kwalunkwe preżentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Awtorità u lill-punt ta' kuntatt nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru tas-sede tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa f'format miftuħ u li jinqara mill-magni.

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u ***mill-fondazzjonijiet*** politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e) u (f), l-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), l-Artikolu 10(5) u (6), u ***l-Artikoli 23, 24 u 25.***

2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u ***tal-fondazzjonijiet*** politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), il-puntiv(a), (b), (d), (e), (f) u (h), ***l-Artikolu 4a, l-Artikolu 5,*** l-Artikolu 6(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), l-Artikolu 10(5) u (6), u ***l-Artikolu 23.*** ***F'każijiet fejn ma jkun involut l-ebda finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, hija għandha tikkontrolla wkoll il-konformità tal-partiti politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom fl-Artikolu 25(1).***

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***tal-obbligi*** relatati mal-finanzjament mill-Unjoni b'dan ir-Regolament ***f'konformità mar-***

L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ***mal-obbligi*** relatati mal-finanzjament mill-Unjoni b'dan ir-Regolament ***u bir-***

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 .
Fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
Fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. F'konformità mal-Artikolu 19, l-Awtorità għandha tiddeċiedi li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru bħala sanzjoni fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

imħassar

(a) meta l-partit jew il-fondazzjoni inkwistjoni jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;

(b) meta jiġi stabbilit, f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 11 minn (2) sa (5), li ma jkunux għadhom jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) jew (2);

(c) meta d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni tal-partit jew tal-fondazzjoni inkwistjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata jew żvijanti li għaliha jkun responsabbli l-applikant, jew fejn tali deċiżjoni tkun inkisbet bil-qerq;

(d) meta talba ta' Stat Membru li jsir qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas serju li jitwettqu l-obbligi skont il-liġi nazzjonali tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(3), il-punt (b).

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji meħuda u l-informazzjoni mogħtija minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f), **(i)** u **(j)** u **mal- tal-Artikolu 6(1)**, il-punti (a), (b), (d) u (e);

Emenda

(ii) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji meħuda u l-informazzjoni mogħtija minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f) u **(h)** u **mal-Artikolu 6(1)**, il-punti (a), (b), (d) u (e);

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi previsti fl-Artikolu 4a(1):

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a - punt iib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iib) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi previsti fl-Artikolu 4a(2);

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt iic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iic) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi previsti fl-Artikoli 5(1) sa (5):

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt vii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(viii) fil-każ ta' nuqqas ta' forniment ta' evidenza dwar l-użu ta' logos u l-pubblikazzjoni ta' programmi politiċi skont l-Artikolu 21(3);

imħassar

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt a – punt ix

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ix) fil-każ ta' nuqqas ta' forniment ta' evidenza dwar rappreżentanza tal-ġeneri f'konformità mal-Artikolu 21(4).

imħassar

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu aċċettaw donazzjonijiet **u kontribuzzjonijiet** li ma jkunux permessi skont l-Artikolu 23(1) jew (5), ħliet jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23(7);

(i) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu aċċettaw donazzjonijiet, **kontribuzzjonijiet jew tariffi ta' assoċjazzjoni** li ma jkunux permessi skont l-Artikolu 23(1) jew (6), ħliet jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23(7);

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Għall-fini tal-paragrafi 2 u 3, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet finanzjarji li ġejjin fuq partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika

4. Għall-fini tal-paragrafi 1 u 2, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet finanzjarji li ġejjin fuq partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika

Ewropea:

Ewropea:

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt b – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) f'każijiet ta' ksur kwantifikabbli, perċentwali **fiss** tal-ammont tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati **f'konformità mal-iskala** li ġejja, sa massimu ta' 10 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati:

Emenda

(b) f'każijiet ta' ksur kwantifikabbli, perċentwali **fissa** tal-ammont tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati **jew tas-somom użati għal attivitajiet ta' finanzjament li huma pprojbti fis-sens tal-Artikolu 25, skont l-iskala** li ġejja, sa massimu ta' 10 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati:

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-applikazzjoni tal-perċentwali indikati fl-ewwel subparagrafu , kull donazzjoni jew **kontribuzzjoni għandha titqies b'mod** separat.

Emenda

Għall-applikazzjoni tal-perċentwali indikati fl-ewwel subparagrafu , kull donazzjoni, **kontribuzzjoni, tariffa ta' assoċjazzjoni jew somma użata għal attivitajiet ta' finanzjament li huma projbti fis-sens tal-Artikolu 25 għandhom jittqiesu b'mod** separat.

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-awtorità għandha tirkupra l-ammonti korrispondenti mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea li fil-konfront tagħhom ikunu ġew imposti sanzjonijiet finanzjarji.

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi msemminj fl-Artikolu 38, qabel id-deċiżjoni finali tal-Awtorità relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment ma għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu korreguti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm.

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 30.

Emenda 103

Emenda

1. Bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi msemminj fl-Artikolu 38, qabel id-deċiżjoni finali tal-Awtorità relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30(**I**), **punti (a)(i) sa (iv)**, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment ma għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu korreguti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm.

Emenda

2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu **biżżejjed** miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 30.

**Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1), il-punti minn (b) sa (f) u fl-Artikolu 3(2), il-punt (c).

imħassar

Emenda 104

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Irkupru

It-terminazzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur

Emenda 105

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirtira jew iwaqqaf kwalunkwe deċiżjoni jew ftehim li jkunu għadhom fis-seħħ dwar il-finanzjament mill-Unjoni, ħlief fil-każ stipulat fl-Artikolu 19(2), il-punt (c), u fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (f). ***Għandu jirkupra wkoll kwalunkwe finanzjament mill-Unjoni, inklużi kwalunkwe fondi mhux minfuqa mis-snin preċedenti.***

1. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jittermina deċiżjoni ta' finanzjament li tkun għaddejja indirizzata lil partit politiku Ewropew jew lil fondazzjoni politika Ewropea b'effett futur abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

(a) deċiżjoni mill-Awtorità li tneħħi l-partit jew il-fondazzjoni mir-Reġistru, bl-eċċezzjoni ta' deċiżjoni bbażata fuq ir-raġuni għad-dereġistrazzjoni stabbilita fl-Artikolu 19(1), il-punt (a)(iv);

(b) deċiżjoni ta' sanzjoni bbażata fuq l-Artikolu 30(1), il-punti (a)(v) u (vi).

Raġunijiet oħra għat-terminazzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur jistgħu jiġu previsti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja.

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. 1 Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea li fuqhom tkun ġiet imposta xi sanzjoni għal kwalunkwe ksur elenkat fl-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 30(2), il-punti (a) (v) u (vi), għandhom għal dik ir-raġuni ma jibqgħux konformi mal-Artikolu 21(2). Bħala riżultat, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jidtermina l-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja dwar finanzjament mill-Unjoni riċevut skont dan ir-Regolament, u għandu jirkupra ammonti li jkunu tħallsu indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja, inkluż kwalunkwe fond mhux minfuq tal-Unjoni minn snin preċedenti. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu wkoll jirkupra ammonti mħallsa indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja minn persuna fiżika li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni skont l-Artikolu 31, filwaqt li jqis, fejn applikabbli, ċirkostanzi eċċezzjonali relatati ma' dik il-persuna fiżika.

Fl-eventwalità ta' tali terminazzjoni, il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu limitati għan-nefqa rimborżabbli mġarrba mill-partit politiku Ewropew jew il-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data meta d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tidħol

Emenda

2. Deċiżjoni li tiġi terminata d-deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur għandha tidħol fis-seħħ fil-jum speċifikat fid-deċiżjoni ta' terminazzjoni jew, jekk l-ebda jum ma jkun speċifikat fiha, fil-jum li fih id-deċiżjoni ta' terminazzjoni tiġi nnotifikata lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea.

fis-seħħ.

Dan il-paragrafu għandu jkun applikabbli wkoll għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 19(2), il-punt (c), u fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (f).

Emenda 107

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. It-terminazzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament b'effett futur għandu jkollu l-konsegwenzi li ġejjin:

(a) il-ftehim ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja għandu jiġi terminat mid-data msemmija fil-paragrafu 2;

(b) il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu limitati għan-nefqa rimborżabbli verament imġarrba mill-partit politiku Ewropew jew il-kostijiet eliġibbli verament imġarrba mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data msemmija fil-paragrafu 2;

(c) in-nefqa jew il-kostijiet imġarrba mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea mill-jum imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kkwalifikati bħala nefqa mhux rimborżabbli jew kostijiet ineliġibbli;

(d) l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew se jirkupra l-fondi kollha tal-Unjoni mħallsa indebitament, inklużi

(i) Fondi tal-Unjoni li ntefqu għal nefqa mhux rimborżabbli jew kostijiet ineliġibbli: u

(ii) kwalunkwe prefinanzjament mhux użat tal-Unjoni li ma jkunx intefaq qabel id-data msemmija fil-paragrafu 2, inklużi fondi tal-Unjoni li ma ntefqux minn snin preċedenti; u

(e) l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirkupra kwalunkwe ammont imħallas indebitament minn persuna fiżika li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 31.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 34a

L-irtirar tad-deċiżjoni ta' finanzjament b'effett retroattiv

1. Abbażi ta' deċiżjoni, meħuda mill-Awtorità li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru, ibbażata fuq ir-raġuni għad-dereġistrazzjoni stabbilita fl-Artikolu 19(1), il-punt (a)(iv), l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirtira d-deċiżjonijiet ta' finanzjament indirizzati lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati b'effett retroattiv mid-data tal-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet.

2. L-irtirar tad-deċiżjoni b'effett retroattiv ta' finanzjament għandu jkollu l-konsegwenzi li ġejjin:

(a) il-ftehim ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja għandu jiġi tterminat mill-jum tan-notifika ta' dik it-terminazzjoni lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati;

(b) in-nefqa jew il-kostijiet kollha mġarrba mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea għandhom jiġu kkwalfikati bħala nefqa mhux rimborżabbli jew kostijiet ineliġibbli; u

(c) kwalunkwe ammont imħallas fil-qafas tal-ftehim ta' kontribuzzjoni jew għotja, flimkien ma' kwalunkwe fondi tal-Unjoni

mhux minfuqa minn snin preċedenti, għandhom jitqiesu bħala pagamenti mhux dovuti u għandhom jiġu rkuprati skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Parlament Ewropew, *taħt* l-awtorità *tal-Uffiċjal Awtorizzanti jew taħt dik tal-Awtorità, għandu jippubblika dan li ġej* fuq sit web maħluq *apposta* għal *dan* il-għan, *f'format miftuħ u li jinqara minn apparat* :

Emenda

1. Il-Parlament Ewropew, *jew* l-Awtorità, *f'konformità mad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom, għandhom jippubblikaw f'format miftuħ li jista' jinqara minn magna* fuq sit web maħluq għal *dak* il-għan, *dan* li *ġej*:

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-kontribuzzjonijiet msemmija fl-Artikolu 23(9) u (10) u rrapportati minn partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2), inkluża l-identità *tal-partiti membri* jew l-organizzazzjonijiet li jkunu għamlu *dawn* il-kontribuzzjonijiet;

Emenda

(f) il-kontribuzzjonijiet *u t-tariffi ta' assoċjazzjoni* msemmija fl-Artikolu 23(9) u (10) u rrapportati minn partiti politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2), inkluża l-identità *tal-membri individwali, tal-partiti* jew l-organizzazzjonijiet *membri* li jkunu għamlu *dawk* il-kontribuzzjonijiet *bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' aktar minn EUR 1 500 sa EUR 3 000 fis-sena li ġejjin minn persuni fiżiċi fejn dawk il-persuni ma jkunux taw il-kunsens tagħhom bil-miktub għal tali pubblikazzjoni.*

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) *it-tariffi ta' assoċjazzjoni msemija fl-Artikolu 23(9a) u (10a) u rrappurtati mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2), inkluża l-identità tal-partiti jew l-organizzazzjonijiet li jkunu għamlu dawk il-pagamenti;*

Emenda 112

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) *ir-riżorsi proprji anċillari msemija fl-Artikolu 23(13) u rrappurtati minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23(2);*

Emenda 113

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. ***Il-Parlament Ewropew għandu jippubblika*** l-lista tal-persuni ġuridiċi li jkunu membri ta' partit politiku Ewropew, kif annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 10(6), kif ukoll in-numru globali ta' membri individwali.

2. ***L-Awtorità għandha tippubblika*** l-lista tal-persuni ġuridiċi li jkunu membri ta' partit politiku Ewropew, kif annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 10(6), kif ukoll in-numru globali ta' membri individwali.

Emenda 114

**Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Istati Membri u l-entitajiet jew l-esperti indipendenti awtorizzati biex jawditjaw il-kontijiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw fl-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament, ***tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din, u b'mod partikolari għall-użu frodulenti tad-data personali.***

Emenda 115

**Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

**Emenda 117
Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – inċiż 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Istati Membri u l-entitajiet jew l-esperti indipendenti awtorizzati biex jawditjaw il-kontijiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw fl-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri, ***mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679***, għandhom jiżguraw li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2a. Kwalunkwe pass u deċiżjoni proċedurali meħuda qabel mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jew l-Awtorità f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jew abbażi tiegħu, għandhom jibqgħu applikabbli u jiġu interpretati fid-dawl ta' dan ir-Regolament.

Emenda

- ***f'każijiet fejn jintużaw tekniki ta' mmirar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2016/679.***

